# <u>HUWA L-ISPIRTU S-SANTU PERSUNA U ALLA?</u>

Żomm il-Bibbja tiegħek f'idejk u wieġeb il-mistoqsijiet *waħdek* mingħajr ebda għajnuna ta' xi ħadd ieħor.

**Nota:** Meta ngħidu "Persuna" aħna nkunu qegħdin infissru li għandu **l-attributi ta' persuna**, jiġifieri, li jifhem, jgħallem, jiggwida, jordna, jkun imnikket, igħid, jisma', jieħu, jigglorifika, eċċ, eċċ, eċċ., u mhux kif jifhmu xi wħud dwar "persuna" li hija tad-demm u l-laħam.

## <u>Ġenesi 1:1-2</u>

"Fil-bidu **Alla** ħalaq is-sema u l-art. U l-art kienet bla forma, u ma kien fiha xejn: u dlamijiet kienu fuq wiċċ l-abbiss. U **Ispirtu ta' Alla** kien jittajjar fuq wiċċ l-ilmijiet."

1. **<u>Mistoqsija</u>:**
   Temmen int, li hawn **l-Ispirtu** huwa **l-Ispirtu s-Santu** li naqraw Dwaru fil-Bibbja Mqaddsa?

   **<u>Tweġiba</u>:** IVA LE
2. **<u>Mistoqsija</u>:**
   Temmen int, li hawn **l-Ispirtu**, li huwa **l-Ispirtu s-Santu** li naqraw Dwaru fil-Bibbja Mqaddsa, huwa **ta' Alla**?

   **<u>Tweġiba</u>:** IVA LE
3. **<u>Mistoqsija</u>:**
   Temmen int, li la **l-Ispirtu hu msejjaħ "l-Ispirtu ta' Alla**," allura dan ifisser li hu **ħaġa waħda ma' Alla**?

   **<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>Lhud 9:14</u>

"Kemm aktar id-demm ta' Kristu, li permezz ta' **l-Ispirtu etern** offra lilu nnifsu bla għajb 'l Alla, inaddaf il-kuxjenza tagħkom minn egħmejjel mejta, biex taqdu 'l Alla l-ħaj?"

4. <u>**Mistoqsija**</u>:
   Temmen int, li f'dan il-passaġġ l-ispirazzjoni tgħidilna li l-**Ispirtu s-Santu** hu **etern**?

   <u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

<u>**Atti 5:3-4**</u>

"Iżda Pietru qal: Ħananija, għaliex imlielek qalbek ix-xitan biex **tigdeb lill-Ispirtu s-Santu**, u twarrab biċċa mill-prezz tal-qasam? Kieku baqa' għandek, mhux tiegħek kif jibqa'? U wara li nbiegħ, ma kienx taħt jeddek? Għax daħħalt dil-ħaġa f'qalbek? **Mhux lill-bnedmin gdibt, imma 'l Alla**."

5. <u>**Mistoqsija**</u>:
   Temmen int, li tista' <u>**tigdeb**</u> **lil l-Ispirtu s-Santu**?

   <u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

6. <u>**Mistoqsija**</u>:
   Temmen int, li wieħed jista' <u>**jigdeb**</u> biss lil min għandu **attributi ta' persuna** u dan juri li **l-Ispirtu s-Santu** hu tassew **persuna**?

   <u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

7. <u>**Mistoqsija**</u>:
   Temmen int, li l-appostlu Pietru sejjaħ lil **l-Ispirtu s-Santu Alla**, meta qal lil Ħananija li hu mhux lill-bnedmin kien gideb imma lil **Alla**?

   <u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

<u>**Mattew 28:19**</u>

"Morru mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom **fl-isem** tal-Missier u ta' l-Iben u ta' **l-Ispirtu s-Santu**."

8. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int li "**fl-isem**" juri li **l-Ispirtu s-Santu** għandu isem, l-istess kif għandhom **il-Missier u l-Iben**, u għalhekk Hu **Persuna** u **Alla**, **l-istess** kif huma l-**Missier u l-Iben**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 14:16-17, 26

"U jien (Kristu) nitlob 'il Missier, u hu jagħtikom **avukat ieħor**, biex jibqa' magħkom għal dejjem. Li hu **l-Ispirtu tal-verità**...Imma **l-Avukat, li hu l-Ispirtu s-Santu**, li l-Missier jibgħat f'ismi, **Hu jgħallimkom** kollox, u **jfakkar-kom** kulma għidtilkom."

9. **Mistoqsija**:
   Temmen int li hawn **l-Ispirtu s-Santu** Hu msejjaħ **Avukat**?

   **Tweġiba**: IVA LE

10. **Mistoqsija**:
    Temmen int lix-xogħol ta' **Avukat** hu li **jiddefendi**?

    **Tweġiba**: IVA LE

11. **Mistoqsija**:
    Min temmen int li jista' **jiddefendi**, sempliċiment "qawwa" jew "persuna"?

    **Tweġiba**:

    Sempliċiment "qawwa" ☐

    "Persuna" ☐

12. **Mistoqsija**:
    Temmen int li l-pronom "**Hu**" juri li **l-Ispirtu s-Santu** huwa **Persuna**?

    **Tweġiba**: IVA LE

13. **Mistoqsija**:
    Temmen int li hawn **l-Ispirtu s-Santu** **jgħallem**?

**Tweġiba**: IVA LE

14. **Mistoqsija**:

Temmen int li **l-Ispirtu s-Santu jfakkar**?

**Tweġiba**: IVA LE

15. **Mistoqsija**:

Temmen int li biex **tgħallem u tfakkar** għandu jkollok attributi ta' **persuna** u mhux sempliċiment "qawwa"?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 15:26-27

"Imma meta jiġi l-**Avukat**, li jiena nibgħatilkom minn għand il-Missier, **l-Ispirtu tal-verità**, li ġej mill-Missier, **Hu jixhed** għalija."

16. **Mistoqsija**:

Temmen int, li l-kliem "**Avukat**," u "**Hu jixhed**" juru li **l-Ispirtu s-Santu** hu **Persuna** tabilħaqq?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 16:7-8

"...U meta jiġi **Hu** (l-Avukat, vers 7), **juri** li d-dinja għandha ħtija għad-dnub, għall-ħaqq, u għall-kundanna."

17. **Mistoqsija**:

Temmen int li l-pronom "**Hu**" li hawn jirreferi għal **l-Ispirtu s-Santu** u li **Hu juri l-ħtija**, ifisser li jrid ikollok **attributi ta' persuna** biex tagħmel dan?

**Tweġiba**: IVA LE

18. **Mistoqsija**:

Jekk inti membru fl-organizzazzjoni tat-Torri ta' l-Għassa li ġġib l-isem ta' "Xhieda Ta' Jehovah" u ma taqbilx ma' dan, allura tajjeb li tqalleb il-Bibbja tat-

Torri ta' l-Għassa, li ġġib l-isem ta' "New World Transaltion of the Holy Scriptures" with references, u tara l-footnotes ta' dawn l-Iskritturi u l-kelma "Avukat" li huma jġibu "helper" li jinsabu f'paġni 1304/5, fejn jirreferu għal **l-Ispirtru s-Santu** bħala "the paraclete (comforter)" Gr., *ho pa-ra'kle-tos*, masc., u f'paġna 1465 dwar 1 Ġwanni 2:1 fejn insibu l-istess kliem li jirreferi għal Kristu.

Issa, li qrajt xi jgħidu tat-Torri ta' l-Għassa nfushom, temmen int **li t-tnejn**, kemm **l-Ispirtu s-Santu** u kemm **Ġesù Kristu** huma msejħa "the paraclete (comforter)" Gr., *ho pa-ra'kle-tos*, masc.?

**Tweġiba**: IVA LE

19. **Mistoqsija**:

Temmen int li "the paraclete (comforter)" Gr., *ho pa-ra'kle-tos*, **masc** li hija għal *maskili* qatt ma tista' tirreferi għal sempliċiment "qawwa", iżda dejjem għall-**Persuna**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 16:13-15

"Imma meta jiġi **hu**, l-Ispirtu tal-verità, **jiggwidakom** fil-verità kollha: għax **hu** ma **jitkellimx** minnu nnifsu; iżda dak kollu li **jisma'**, dak **igħid hu**: u **jgħarrfilkom** x'għandu jiġi. **Hu jigglorifikani**: għax **jieħu** minn tiegħi, u **jgħarrafhulkom**. Kulma għandu l-Missier hu tiegħi. Għalhekk għidt: **Jieħu** minn tiegħi, u **jgħarrafhulkom.**"

20. **Mistoqsija**:

Temmen int, li "**Hu,**" **l-Ispirtu s-Santu**, **jiggwida**?

**Tweġiba**: IVA LE

21. **Mistoqsija**:

Temmen int, li “**Hu,**” **l-Ispirtu s-Santu**, **jitkellem**?

**Tweġiba**: IVA LE

22. **Mistoqsija**:

Temmen int, li “**Hu,**” **l-Ispirtu s-Santu**, **jisma’**?

**Tweġiba**: IVA LE

23. **Mistoqsija**:

Temmen int, li “**Hu,**” **l-Ispirtu s-Santu**, **jgħid**?

**Tweġiba**: IVA LE

24. **Mistoqsija**:

Temmen int, li “**Hu,**” **l-Ispirtu s-Santu**, **jgħarraf**?

**Tweġiba**: IVA LE

25. **Mistoqsija**:

Temmen int, li “**Hu,**” **l-Ispirtu s-Santu**, **jigglorifika**?

**Tweġiba**: IVA LE

26. **Mistoqsija**:

Temmen int, li “**Hu,**” **l-Ispirtu s-Santu**, **jiggwida**?

**Tweġiba**: IVA LE

27. **Mistoqsija**:

Temmen int, li l-pronom “**Hu,**” jirreferi għal **l-Ispirtu s-Santu**?

**Tweġiba**: IVA LE

28. **Mistoqsija**:

Temmen int, li l-pronom “**Hu,**” li jirreferi għal **l-Ispirtu s-Santu**, juri li **l-Ispirtu s-Santu hu Persuna**?

**Tweġiba**: IVA LE

29. **Mistoqsija**:

Jekk inti membru fl-organizzazzjoni tat-Torri ta’ l-Għassa li ġġib l-isem ta’ “Xhieda Ta’ Jehovah” u ma taqbilx ma’ dan, jiġifieri, li **l-Ispirtu s-Santu hu Per-**

**suna**, allura tajjeb li tqalleb il-Bibbja tat-Torri ta' l-Għassa, li ġġib l-isem ta' "New World Transaltion of the Holy Scriptures" with references, u ara l-footnotes ta' dwar vers 13 f'paġni 1305, fejn tgħid hekk:

**13*** "That one,"masc., referring to "the helper," masc., in vs 7."

Issa, li qrajt xi jgħidu tat-Torri ta' l-Għassa nfushom dwar **l-Ispirtu s-Santu**, jiġifieri, li **l-Ispirtu s-Santu hu maskil**, għadek int temmen li l-Ispirtu s-Santu hu sempliċiment "qawwa" kif jippruvaw igħallmu tat-Torri ta' l-Għassa?

__**Tweġiba**__: IVA LE

**30.** __**Mistoqsija**__:

F'dawn il-versi, jiġifieri, versi 13 sa 15, fil-verżjoni tal-Bibbja msemmija fuq, il-pronom "**hu**" jinsab seba' (7) darbiet. Issa lil min int temmen u taċċetta, dak li tgħid il-Kelma ta' Alla dwar l-Ispirtu s-Santu, jiġifieri, li l-Kelma ta' Alla tirreferi għal **l-Ispirtu s-Santu** bħala "**HU**" li jfisser li **hu Persuna**, jew kif jippruvaw igħallmu tat-Torri ta' Għassa, fejn f'xi waqtiet jirreferu għal l-Ispirtu s-Santu bħala "it" kif juruh f'Atti 20:23, Rumani 8:16, 26, ["itself"], 27; 1 Korintin 12:11; Lhud 10:15, u f'postijiet oħra?

__**Tweġiba**__:

Il-Kelma ta' Alla tirreferi għal l-Ispirtu s-Santu bħala "**HU**" li jfisser li hu **Persuna** ☐

Kif jippruvaw igħallmu tat-Torri ta' Għassa, fejn f'xi waqtiet jirreferu għal l-Ispirtu s-Santu bħala "it" ☐

__**Atti 7:51**__

"Ja qlub iebsa, u qlub u widnejn bla ċirkonċiżjoni, intom dejjem **iżżommu iebes lill-Ispirtu s-Santu**: kif għamlu missirijietkom, hekk tagħmlu intom."

31. **Mistoqsija**:

Temmen int li wieħed jista' **jżomm iebes** lil l-Ispirtu s-Santu?

**Tweġiba**: IVA LE

32. **Mistoqsija**:

Temmen int li missirijiethom ukoll **żammew iebes** lil l-Ispirtu s-Santu?

33. **Mistoqsija**:

Lil min int temmen li dawn **żammew iebes**, lil l-Ispirtu s-Santu jew lil sempliċiment "qawwa"?

**Tweġiba**:

Lil l-Ispirtu s-Santu ☐
Lil sempliċiment "qawwa" ☐

## Atti 8:29, 39

"Imbagħad **qal l-Ispirtu s-Santu** 'l Filippu: "Ersaq, u aqbad ma' dal-karru...Malli telgħu mill-ilma, **l-Ispirtu** tal-Mulej **ħataf** lil filippu...."

34. **Mistoqsija**:

Temmen int li hawn **l-Ispirtu s-Santu "qal"**?

**Tweġiba**: IVA LE

35. **Mistoqsija**:

Skond il-Kelma ispirata ta' Alla, u int, f'dan il-vers, min **qal** il-kliem: **"Ersaq, u aqbad ma' dal-karru**"?

**Tweġiba**:

L-Ispirtu s-Santu ☐

Sempliċiment "qawwa" ☐

36. **Mistoqsija**:

Temmen int li **persuna** tista' **"tgħid"** kliem?

**Tweġiba**: IVA LE

37. **Mistoqsija**:

Temmen int li **persuna** tista' **"taħtaf"** lil xi ħadd u mhux sempliċiment "qawwa"?

**Tweġiba**: IVA LE

## Atti 10:19-20

"Waqt li Pietru kien jaħseb fuq id-dehra, **qallu l-Ispirtu: "A**ra, tlitt irġiel qegħdin ifittxuk. Qum, mela, u inżel, u mur magħhom, u titħasseb xejn: għax **jien** bgħatthom."

38. **Mistoqsija**:

Skond il-Kelma ta' Alla, u int, f'dan il-vers, **min qal il-kliem**: "Ara, tlitt irġiel qegħdin ifittxuk. Qum, mela, u inżel, u mur magħhom, u titħasseb xejn: għax **jien bgħatthom**?

**Tweġiba**:

L-Ispirtu s-Santu ☐
Sempliċiment qawwa ☐

39. **Mistoqsija**:

Temmen int, li jrid ikollok attributi ta' persuna biex tkun tista' **tgħid**?

**Tweġiba**: IVA LE

40. **Mistoqsija**:

Temmen int, li l-kelma "**jien**" f'vers 20 tirreferi għal l-**Ispirtu s-Santu**?

**Tweġiba**: IVA LE

41. **Mistoqsija**:

Temmen int, li trid tkun **Persuna** biex tgħid **"jien" bgħatthom**?

Tweġiba: IVA LE

42. Mistoqsija:

Temmen int, li trid tkun **persuna** biex tkun tista’ **tibgħat** lil xi ħadd?

Tweġiba: IVA LE

43. Mistoqsija:

Temmen int, li l-**Ispirtu s-Santu**, li kien Hu li bgħathom, **huwa** P**ersuna**?

Tweġiba: IVA LE

## Atti 11:12

“U **l-Ispirtu** **qalli** biex immur magħhom u xejn ma nitħasseb...”

44. Mistoqsija:

Temmen int li hawn kien **l-Ispirtu s-Santu** li **qal** lil Pietru biex imur magħhom u xejn ma jitħasseb?

Tweġiba: IVA LE

45. Mistoqsija:

Temmen int, li jrid ikollok attributi ta’ **persuna** biex tkun tista’ **tgħid** lil xi ħadd x’għandu jagħmel?

Tweġiba: IVA LE

## Atti 13:2-4

“Huma u jagħtu qima lill-Mulej, u jsumu, **qal l-Ispirtu s-Santu**: **Ifirduli** ’l Barnaba ’l Sawl għax-xogħol li għalih **sejjaħtilhom**. U wara li samu u talbu, u qiegħdu jdejhom fuqhom, bagħtuhom. Għalhekk huma, billi kienu **mibgħutin mill-Ispirtu s-Santu**, telqu għal Selewkija, u minn hemm siefru għal Ċipru.”

46. Mistoqsija:

Temmen int, li kien l-**Ispirtu s-Santu** li **qal** **"Ifirdu-li**"?

**Tweġiba**: IVA LE

47. **Mistoqsija**:

Temmen int, li l-**Ispirtu s-Santu** li **qal** **"Ifirduli**," huwa sempliċiment qawwa u xejn aktar?

**Tweġiba**: IVA LE

48. **Mistoqsija**:

Temmen int, li min għandu attributi ta' **persuna** jista' **jsejjaħ u jibgħat u jordna**?

**Tweġiba**: IVA LE

49. **Mistoqsija**:

Temmen int, li kien l-**Ispirtu s-Santu** li "**sejħilhom**" u li "bagħthom"?

**Tweġiba**: IVA LE

## Atti 16:6

"Issa meta qasmu l-Friġja u l-art ta' Galazja, **u nżammu mill-Ispirtu s-Santu** li jxandru l-kelma fl-Asja."

50. **Mistoqsija**:

Min jgħid Luqa, li kien li **żammhom** milli jxandru l-kelma fl-Asja, **l-Ispirtu s-Santu** jew sempliċiment "qawwa"?

**Tweġiba**:

L-Ispirtu s-Santu ☐
Sempliċiment "qawwa" ☐

## Atti 20:23

"Ħlief li **l-Ispirtu s-Santu jixhidli** f'kull belt, billi **jgħid** illi l-ktajjen u għali **jistennewni**."

51. **Mistoqsija**:

Temmen int, li lil l-appostlu Pawlu **l-Ispirtu s-Santu kien jixhidlu**?

**Tweġiba**: IVA LE

52. **Mistoqsija**:

Temmen int, li lil l-appostlu Pawlu **l-Ispirtu s-Santu** kien **jgħidlu**?

**Tweġiba**: IVA LE

53. **Mistoqsija**:

Skond int, min taħseb li jista' **jixhed** fi bliet differenti **u jgħid** x'hemm jistenna lil xi ħadd ieħor, jiġifieri, li hemm ktajjen u għali jistennew, **persuna** jew sempliċiment xi "qawwa"?

**Tweġiba**:

Persuna ☐

Sempliċiment xi "qawwa" ☐

## Atti 20:28

"Ħarsu lilkom infuskom mela, u l-merħla kollha, li fuqha **l-Ispirtu s-Santu <u>għamilkom</u>** għassiesa, biex tirgħaw il-knisja ta' Alla, li xtara b'demmu stess."

54. **Mistoqsija**:

Temmen int, li kien **Ispirtu s-Santu, li <u>għamilhom</u>** għassiesa?

**Tweġiba**: IVA LE

55. **Mistoqsija**:

Temmen int, li l-**Ispirtu s-Santu, li <u>għamilhom</u>** għassiesa hu **Persuna**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Atti 21:4

"U billi sibna d-dixxipli, bqajna hemm sebat ijiem: dawn qalu 'l Pawlu, **permezz ta' l-Ispirtu,** li m'għandux jitla' Ġerusalem."

**56.** <u>**Mistoqsija**</u>:

Taqbel int, li kien **l-Ispirtu s-Santu** li qal lid-dixxipli x'għandhom igħidu lil Pawlu?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>Atti 21:11</u>

"U meta ġie għandna, ħa l-ħżiem ta' Pawlu, u rabat idejh u saqajh, u qal: **Dan igħid l-Ispirtu s-Santu**: Ir-raġel li tiegħu hu dal-ħżiem, hekk jorbtuh il-Lhud Ġerusalem, u jagħtuh f'idejn il-Ġentili."

**57.** <u>**Mistoqsija**</u>:

Taqbel int, li **persuna** tista' **tgħid** kliem?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

**58.** <u>**Mistoqsija**</u>:

Taqbel int li kien **l-Ispirtu s-Santu li <u>qal</u> dak il-kliem**?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>Atti 28:25-26</u>

"U billi ma qablux bejniethom, telqu, wara li Pawlu qal kelma waħda: **Tajjeb tkellem l-Ispirtu s-Santu** b'Isaija l-profeta lil missirijietna: Li **jgħid**:..."

**59.** <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int li **persuna tista' titkellem**?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

**60.** <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int li **l-Ispirtu s-Santu tkellem**?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

61. **Mistoqsija**:

Temmen int li l-Ispirtu s-Santu li **tkellem** hu Persuna?

**Tweġiba**: IVA LE

**1 Timotju 4:1**

"Issa **l-Ispirtu jgħid fi kliem ċar**, li fl-aħħar żminijiet x'uħud jitilqu mill-fidi, *billi jagħtu widen għal spirti qarrieqa, u tagħlim tax-xjaten*."

62. **Mistoqsija**:

Temmen int, li tassew trid tkun **persuna biex tgħid fi kliem ċar**?

**Tweġiba**: IVA LE

63. **Mistoqsija**:

Temmen int, li dawk li llum qegħdin jaċċettaw it-tagħlim falz li *l-Ispirtu s-Santu mhuwiex Persuna* qegħdin jagħtu widen għal spirti qarrieqa, u tagħlim tax-xjaten?

**Tweġiba**: IVA LE

**Lhud 3:7-8**

"Għalhekk bħal ma **jgħid l-Ispirtu s-Santu**: 'Jekk illum tisimgħu leħnu, La twebbsux qalbkom,...'"

64. **Mistoqsija**:

Min kien li qal il-kliem, "Jekk illum tisimgħu leħnu, La twebbsux qalbkom,..."?

**Tweġiba**:

L-Ispirtu s-Santu ☐

Sempliċiment "qawwa" ☐

65. **Mistoqsija**:

Temmen int, li **l-Ispirtu s-Santu jgħid**?

**Tweġiba**: IVA LE

66. **Mistoqsija**:

Jekk int wieħed (jew waħda) li kont aċċettajt dak it-tagħlim falz, jiġifieri, li l-Ispirtu s-Santu hu sempliċiment **qawwa** u mhux **persuna**, lest/a li ma tkomplix "twebbes qalbek" f'dak it-tagħlim falz issa li taf li **l-Ispirtu s-Santu <u>jgħid</u>** u għalhekk hu **Persuna**?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>Lhud 10:15-17</u>

"U ta' dan **hemm xhieda wkoll l-Ispirtu s-Santu**: għax wara li **qal**: Dan hu l-patt li jien għad nagħmel magħhom wara dawk il-jiem, igħid il-Mulej..."

**67. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int, li **l-Ispirtu s-Santu hu <u>xhieda</u> u <u>qal</u>**?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

**68. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int, li **l-Ispirtu s-Santu** kien li **ispira** lil **Ġeremija** (31:31-33) biex igħid dan il-kliem?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

**69. <u>Mistoqsija</u>:**

Min temmen int li jista' jkun, xi ħadd li jista' jkun **xhieda** u li jista' **jgħid**, li jkun **persuna** jew sempliċiment "qawwa"?

**<u>Tweġiba</u>:**

Li jkun Persuna ☐

Sempliċiment "qawwa" ☐

## <u>Rivelazzjoni 2:7, 11, 17, 29; 3:6, 13, 22</u>

"Min għandu widnejn, ħa jisma' **dak li jgħid l-Ispirtu** lill-knejjes: Lil min jirbaħ nagħtih jiekol mis-siġra tal-ħajja, li hi f'nofs il-ġenna ta' Alla..."

**70. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int, li aħna għandna **nisimgħu dak li jgħid l-Ispirtu s-Santu**?

Tweġiba: IVA LE

71. Mistoqsija:

Temmen int, li aħna nkunu qegħdin **nisimgħu dak li jgħid l-Ispirtu s-Santu bħala Persuna** jew dak li tgħid sempliċiment "qawwa"?

Tweġiba:

Dak li jgħid l-Ispirtu s-Santu bħala Persuna ☐
Dak li tgħid sempliċiment "qawwa" ☐

72. Mistoqsija:

Wieġeb int, min jista' **jgħid**?

Tweġiba: ........................................

## Atti 15:28

"Għax lil **l-Ispirtu s-Santu u lilna**, **dehrilna sewwa**, li m'għandniex ngħabbukom b'tagħbija akbar minn dawn il-ħwejjeġ li jinħtieġu"

73. Mistoqsija:

Temmen int, li kemm **l-Ispirtu s-Santu** u kemm l-**appostli u l-presbiteri** msemmija minn Luqa f'dawn il-versi hawn huma lkoll **persuni**? ("persuni" fis-sens li għandhom attributi ta' persuni, f'dan il-każ, "**dehrilna sewwa** li...")

Tweġiba: IVA LE

74. Mistoqsija:

Temmen int, li lil **l-Ispirtu s-Santu deherlu sewwa** li "m'għandux igħabbihom b'tagħbija akbar minn dawn il-ħwejjeġ li jinħtieġu" l-istess kif deher lil l-appostli u l-presbiteri?

Tweġiba: IVA LE

75. **<u>Mistoqsija</u>:**
Temmen int, li l-appostli u l-presbiteri msemmija f'dawn il-versi minn Atti huma **persuni** jew sempliċiment "qawwa"?

**<u>Tweġiba</u>:**

Huma persuni ☐

Huma sempliċiment "qawwa" ☐

76. **<u>Mistoqsija</u>:**
Temmen int, li **l-Ispirtu s-Santu** hu persuna, jiġifieri, għandu l-istess **attributi** kif għandhom l-appostli jew sempliċiment "qawwa"?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

L-Ispirtu s-Santu hu Persuna ☐

L-Ispirtu s-Santu hu sempliċiment "qawwa" ☐

## <u>Rumani 8:16, 26-27</u>

"**L-Ispirtu s-Santu nnifsu <u>jixhed</u>** ma' l-ispirtu tagħna, li aħna wlied Alla...[26-27]Hekk ukoll **l-Ispirtu s-Santu <u>jgħin</u>** id-dgħufijiet tagħna: għax aħna ma nafux x'nitolbu kif jinħtieġ; iżda **l-Ispirtu s-Santu stess <u>jitlob għalina bi tnehid</u>** li ma jistax jingħad. U dak li jgħarbel il-qlub jaf x'inhi **l-fehma ta' l-Ispirtu**, għax **jitlob** għall-qaddisin skond ir-rieda ta' Alla."

77. **<u>Mistoqsija</u>:**
Temmen int, li l-Ispirtu s-Santu **jixhed** li aħna wlied Alla?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

78. **<u>Mistoqsija</u>:**
Min temmen int, li Dak li **jixhed** li aħna wlied Alla, hu l-Ispirtu s-Santu bħala Persuna, jew sempliċiment "qawwa"?

**Tweġiba**:

L-Ispirtu s-Santu bħala Persuna ☐
Sempliċiment "qawwa" ☐

79. **Mistoqsija**:
Temmen int, li l-Ispirtu s-Santu **jgħin** id-dgħufijiet tagħna?

**Tweġiba**: IVA LE

80. **Mistoqsija**:
Temmen int, li Dak li **jgħin** id-dgħufijiet tagħna hu l-Ispirtu s-Santu bħala Persuna jew sempliċiment "qawwa"?

**Tweġiba**:

L-Ispirtu s-Santu bħala Persuna ☐
Sempliċiment "qawwa" ☐

81. **Mistoqsija**:
Temmen int, li l-Ispirtu s-Santu **jitlob** għalina?

**Tweġiba**: IVA LE

82. **Mistoqsija**:
Temmen int, li Dak li **jitlob** għalina huwa **l-Ispirtu s-Santu** bħala **Persuna** jew sempliċiment "qawwa"?

**Tweġiba**:

L-Ispirtu s-Santu bħala Persuna ☐

Sempliċiment "qawwa" ☐

83. **Mistoqsija**:
Temmen int, li l-Ispirtu s-Santu għandu **fehma**?

**Tweġiba**: IVA LE

84. **Mistoqsija**:

Temmen int, li Dak li għandu **fehma**, jiġifieri, **l-Ispirtu s-Santu** li hu bħala **Persuna** jew sempliċiment bħala "qawwa"?

**<u>Tweġiba</u>:**

L-Ispirtu s-Santu bħala Persuna ☐
Sempliċiment bħala "qawwa" ☐

85. **<u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int, li l-Ispirtu s-Santu **jitlob** għall-qaddisin **skond ir-rieda ta' Alla** u li dan ifisser li l-Ispirtu s-Santu **jaf** ir-rieda ta' Alla?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

86. **<u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int, li sempliċiment "qawwa" tista' tagħmel dan, jiġifieri, **titlob għall-qaddisin skond ir-rieda ta' Alla**?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

87. **<u>Mistoqsija</u>:**

Skond int, **min** taħseb li jista' **jitlob għall-qaddisin**?

**<u>Tweġiba</u>:** .................................

## <u>Rumani 15:30</u>

"Issa nitlobkom, ħuti, f'ġieh Sidna Ġesù Kristu, f'ġieh **l-imħabba ta' l-Ispirtu**, li titħabtu flimkien miegħi fit-talb tagħkom 'l Alla għalija."

88. **<u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int, li **l-Ispirtu s-Santu <u>jħobb</u>**?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

89. **<u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int, li sempliċiment "qawwa" tista' tħobb?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

90. **<u>Mistoqsija</u>**:

Temmen int, li **Persuna** tħobb?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

91. **<u>Mistoqsija</u>**:

Temmen int, li la **l-Ispirtu s-Santu jħobb** hu **Persuna** u mhux sempliċiment "qawwa" kif jippruvaw igħallmu xi wħud?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

**<u>1 Korintin 12:11</u>**

"Imma dawn kollha **jaħdimhom** l-istess **Spirtu** waħdieni, billi **jqassam** lil kull wieħed **kif irid**."

92. **<u>Mistoqsija</u>**:

Temmen int, li **l-Ispirtu s-Santu** **<u>jaħdem</u>** dawk il-ħwejjeġ kollha msemmija fil-versi 8 sa10?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

93. **<u>Mistoqsija</u>**:

Temmen int, li **l-Ispirtu s-Santu** **<u>jqassam</u>** dawk il-ħwejjeġ kollha msemmija fil-versi 8-10 **kif irid**?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

94. **<u>Mistoqsija</u>**:

Temmen int, li biex **l-Ispirtu s-Santu jaħdem** u j**qassam** dawk il-ħwejjeġ kollha msemmija fil-versi ta' qabel, jiġifieri, versi 8-10, u **kif irid**, għandu jkollu tassew **attributi ta' persuna** u għaldaqshekk huwa tassew **Persuna** u mhux sempliċiment "qawwa"?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

95. **<u>Mistoqsija</u>**:

Skond int, **min** taħseb li jista' **jqassam kif irid**?

**<u>Tweġiba</u>**: ..................................

## Efesin 4:30

“La **tnikktux lill-Ispirtu mqaddes** ta’ Alla, li bih intom issiġillati għal jum il-fidwa.”

96. Mistoqsija:

Temmen int, li wieħed jista’ **jnikket** lil **l-Ispirtu s-Santu**?

Tweġiba: IVA LE

## Isaija 63:10

“Iżda huma ħaduha kontrih, u **nikktu l-Ispirtu qaddis** tiegħu...”

97. Mistoqsija:

Temmen int, li hawn, ukoll fit-Testment il-Qadim, naqraw li wieħed jista’ **jnikket** lil **l-Ispirtu s-Santu**?

Tweġiba: IVA LE

98. Mistoqsija:

Temmen int, li wieħed jista’ **jnikket** sempliċiment “qawwa”?

Tweġiba: IVA LE

99. Mistoqsija:

Temmen int, li wieħed jista’ **jnikket persuna** u mhux sempliċiment “qawwa”?

Tweġiba: IVA LE

100. Mistoqsija:

Skond int, **min** taħseb li jista’ jkun **imnikket**?

Tweġiba: ..................................

## Mattew 12:31-32

“Għalhekk ngħidilkom: Kull dnub u dagħwa tinħafer lill-bnedmin; iżda d-dagħwa **kontra l-Ispirtu s-Santu** ma tinħafirx lill-bnedmin. U kull min igħid kelma kontra bin il-

bniedem, tinħafirlu; iżda min igħid kontra l-Ispirtu s-Santu, ma tinħafirlux, la f'did-dinja, u lanqas fid-dinja li ġejja."

101. **Mistoqsija**:

Temmen int, li wieħed jista' jidgħi **kontra l-Ispirtu s-Santu**?

**Tweġiba**: IVA LE

102. **Mistoqsija**:

Temmen int, li wieħed jista' jidgħi kontra sempliċiment "qawwa"?

**Tweġiba**: IVA LE

103. **Mistoqsija**:

Jagħmel xi sens għalik li wieħed **jidgħi** kontra sempliċiment "qawwa"?

**Tweġiba**: IVA LE

104. **Mistoqsija**:

X'temmen int, li l-**Ispirtu s-Santu**, li d-dagħwa kontrih ma tinħafirx, huwa sempliċiment "qawwa" jew tabilħaqq Persuna?

**Tweġiba**:

L-Ispirtu s-Santu bħala Persuna ☐
Sempliċiment bħala "qawwa" ☐

## Lhud 10:29

"Kemm kastig aktar aħrax, jidhrilkom intom, ikun ħaqqu min jitfa' taħt saqajh l-Iben t'Alla, u jqis id-demm tarrabta, li bih tqaddes, bħala ħaġa mhix qaddisa, u **jagħmel għajb lill-Ispirtu tal-grazzja**?"

105. **Mistoqsija**:

Temmen int, li xi ħadd jista' "**jagħmel għajb**" lil l-Ispirtu s-Santu?

**Tweġiba**: IVA LE

106. **<u>Mistoqsija</u>:**
Temmen int, li xi ħadd jista' "**jagħmel għajb**" lil sempliċiment "qawwa"?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

107. **<u>Mistoqsija</u>:**
Temmen int, xi ħadd jista' "jagħmel għajb lill-"qawwa" tal-grazzja u mhux "**lill-Ispirtu tal-grazzja**?"

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

108. **<u>Mistoqsija</u>:**
X'temmen int, li hemm, "qawwa tal-grazzja" jew "Spirtu tal-grazzja?"

**<u>Tweġiba</u>:**

"Spirtu tal-grazzja" ☐

"Qawwa tal-grazzja" ☐

## <u>1 Korintin 2:10</u>

"Imma Alla għarrafhomlna **bl-Ispirtu** tiegħu: għax **l-Ispirtu jfittex kollox**, iva, sa fil-qiegħ ta' Alla."

109. **<u>Mistoqsija</u>:**
Temmen int, li min għandu l-attributi ta' **persuna** biss jista' **jfittex kollox**?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>1 Korintin 2:13</u>

"Li aħna wkoll nitkellmuhom, mhux bi **<u>kliem</u> li jgħallem** għerf il-bniedem, iżda li **jgħallem l-Ispirtu s-Santu**; inqabblu ħwejjeġ spiritwali ma' dak li hu spiritwali."

110. **<u>Mistoqsija</u>:**
Temmen int, li hemm **kliem li jgħallem** il-bniedem?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

111. **<u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int, li hemm **kliem li jgħallem l-Ispirtu s-Santu**?

**Tweġiba**: IVA LE

112. **Mistoqsija**:

Temmen int, li biex xi ħadd **igħallem kliem** dan għandu jkollu attributi ta' **persuna**?

**Tweġiba**: IVA LE

113. **Mistoqsija**:

Temmen int, li biex **l-Ispirtu s-Santu jgħallem kliem** Hu għandu attributi ta' **persuna** u għaldaqstant **l-Ispirtu s-Santu hu Persuna**?

**Tweġiba**: IVA LE

## 2 Pietru 1:20-21

"Qabel xejn, kunu afu li l-ebda profezija tal-kitba ma tista' titfisser skond kif jaħsibha dak li jkun. Għax il-profezija ma ġiet qatt fl-imgħoddi bir-rieda tal-bniedem; imma nies qaddisa, **mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu**, tkellmu."

114. **Mistoqsija**:

Temmen int, li biex xi ħadd **iqanqal** lil xi ħadd ieħor dwar xi profezija, dan għandu jkollu **attributi ta' persuna**?

**Tweġiba**: IVA LE

115. **Mistoqsija**:

Temmen int, li kien **l-Ispirtu s-Santu li qanqal** lil nies qaddisa biex jitkellmu?

**Tweġiba**: IVA LE

116. **Mistoqsija**:

Temmen int, li **l-Ispirtu s-Santu**, **li qanqal** lil nies qaddisa biex jitkellmu, għandu attributi ta' persuna u mhux sempliċiment "qawwa"?

**Tweġiba**: IVA LE

## 2 Korintin 3:17-18

"Għax il-**Mulej huwa l-Ispirtu**, u fejn hemm l-Ispirtu tal-Mulej hemm il-ħelsien. Aħna lkoll, li b'wiċċna mikxuf nirriflettu l-glorja tal-Mulej, qegħdin ninbidlu fl-istess xbieha minn glorja għal glorja skond ma jagħtina l-Mulej, li hu Spirtu."

117. **Mistoqsija**:
Temmen int, li **l-Ispirtu s-Santu hu** l-**Mulej**?

**Tweġiba**: IVA LE

118. **Mistoqsija**:
Temmen int li l-**Mulej**, **l-Ispirtu s-Santu** hu sempliċiment "qawwa" jew persuna?

**Tweġiba**:

Sempliċiment "qawwa" ☐

Persuna ☐

## Rivelazzjoni 22:12

"U **l-Ispirtu** u l-għarusa **jgħidu**: Ejja. U min jisma' ħa jgħid: ejja. U ħa jiġi min hu bil-għatx. U kull min irid, ħa jieħu l-ilma tal-ħajja b'xejn."

119. **Mistoqsija**:
Temmen int, li **stedina** ssir minn **persuna** u mhux minn sempliċiment "qawwa"?

**Tweġiba**: IVA LE

120. **Mistoqsija**:
Temmen int, li l-**stedina** hawn saret mill-**Ispirtu s-Santu** u mill-knisja?

**Tweġiba**: IVA LE

121. **Mistoqsija**:

Temmen int, li, la **stedina** ssir minn **persuna,** u **l-istedina** hawn saret mill-**Ispirtu s-Santu** wkoll, allura dan ifisser li l-**Ispirtu s-Santu** tassew għandu l-attributi ta' **persuna** u għalhekk hu **Persuna**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Lhud 3:7

"Għalhekk, bħal ma **jgħid l-Ispirtu s-Santu**: Jekk illum tisimgħu leħnu, La twebbsux qalbkom, bħal ma ġara fl-irvell, f'jum it-tiġrib fid-deżert."

122. **Mistoqsija**:

Temmen int, li l-Ispirtu s-Santu "**jgħid**"?

**Tweġiba**: IVA LE

123. **Mistoqsija**:

Għal min temmen int li l-kelma "**jgħid**," tista' tkun tapplika, għal sempliċiment "qawwa" jew għall-**persuna**?

**Tweġiba**:

Sempliċiment "qawwa" ☐

Persuna ☐

124. **Mistoqsija**:

Min temmen int, li qal il-kliem: "*Jekk illum tisimgħu leħnu, La twebbsux qalbkom, bħal ma ġara fl-irvell, f'jum it-tiġrib fid-deżert*" sempliċiment "qawwa" jew **l-Ispirtu s-Santu bħala Persuna**?

**Tweġiba**:

Sempliċiment "qawwa" ☐

L-Ispirtu s-Santu bħala Persuna ☐

125. **Mistoqsija**:

Lest int, jekk inti wieħed (jew waħda) minn dawk li ma temminx li **l-Ispirtu s-Santu Hu tassew Persuna**, issa wara li rajt tassew x'tgħid il-Kelma ta' Alla, tilqa' l-istedina ta' **l-Ispirtu s-Santu, bħala Persuna**?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>Ġob 33:4</u>

"L-**Ispirtu t'Alla għamilni**, u nifs Min jista' kollox jagħtini l-ħajja."

**126. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int, li **l-Ispirtu s-Santu** "**joħloq**" li hu attribut ta' Alla waħdu?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>Salm 139:7</u>

"Fejn immur bogħod mill-**Ispirtu** tiegħek? Jew fejn naħrab minn quddiem wiċċek?" (ara versi 8 sa 10 wkoll).

**127. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int, li **l-Ispirtu s-Santu jinsab kullimkien**, attribut li hu ta' Alla waħdu?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>1 Tessalonikin 5:19</u>

"La **tberrdux** l-Ispirtu s-Santu."

**128. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int, li wieħed jista' "jberred" l-Ispirtu s-Santu?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>Rumani 8:2</u>

"Għax **il-liġi ta' l-Ispirtu** tal-ħajja fi Kristu Ġesù ħelsitni mill-liġi tad-dnub u l-mewt."

129. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int, **l-Ispirtu s-Santu** għandu **liġi** li teħlisna?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

130. <u>**Mistoqsija**</u>:

Min temmen int li jista' jkollu **liġi**, sempliċiment "qawwa" jew Persuna?

<u>**Tweġiba**</u>:

Sempliċiment "qawwa" ☐

Persuna ☐

## <u>Rumani 8:11</u>

"Imma jekk **l-Ispirtu** ta' dak li qajjem 'il Ġesù mill-imwiet igħammar fikom, dak li qajjem 'il Kristu mill-imwiet jagħti wkoll il-ħajja lil ġisimkom li jmut **bl-Ispirtu** tiegħu li jgħammar fikom."

131. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int, **l-Ispirtu s-Santu** "qajjem lil Ġesù mill-imwiet"?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

132. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int, **l-Ispirtu s-Santu** "jagħti l-ħajja"?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>Rumani 8:16</u>

"L-**Ispirtu nnifsu jixhed** ma' l-ispirtu tagħna, li aħna wlied Alla."

133. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int, li **l-Ispirtu s-Santu nnifsu "jixhed"**?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

134. <u>**Mistoqsija**</u>:

Min temmen int li jista' "**jixhed**," persuna jew sempliċiment "qawwa"?

**Tweġiba**:

Persuna ☐

Sempliċiment "qawwa" ☐

## 2 Pietru 1:20-21

"Qabel xejn, kunu afu li l-ebda profezija tal-kitba ma tista' titfisser skond kif jaħsibha dak li jkun. Għax il-profezija ma ġiet qatt fl-imgħoddi bir-rieda tal-bniedem; imma nies qaddisa, **mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu**, tkellmu."

135. **Mistoqsija**:
Temmen int, li **l-Ispirtu s-Santu qanqal** lil nies qaddisa biex **kitbu u tkellmu**?

**Tweġiba**: IVA LE

136. **Mistoqsija**:
Temmen int, li sempliċiment "qawwa" tista' **tqanqal** lil nies qaddisa biex **jiktbu u jitkellmu**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Galatin 5:22-23

"Iżda **l-frott ta' l-Ispirtu** hi l-imħabba, il-ferħ, is-sliem, is-sabar fit-tul, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażna: kontra dawn m'hemmx liġi."

137. **Mistoqsija**:
Temmen int, li l-**Ispirtu s-Santu jifforma** l-karattru tagħna permezz **tal-frott Tiegħu**?

**Tweġiba**: IVA LE

138. **Mistoqsija**:
Temmen int, li sempliċiment "qawwa" tista' **tifforma l-karattru ta' xi persuna**?

**Tweġiba**: IVA LE

**Titu 3:5**

"Mhux bl-opri tajba li konna għamilna, iżda skond il-ħniena tiegħu salvana, bil-ħasil tat-twelid mill-ġdid, u **t-tiġdid ta' l-Ispirtu s-Santu**."

139. **Mistoqsija**:

Temmen int, li **l-Ispirtu s-Santu** **jġedded**?

**Tweġiba**: IVA LE

140. **Mistoqsija**:

Temmen int, li sempliċiment "qawwa" tista' **ġġedded lil xi persuna**?

**Tweġiba**: IVA LE

**Efesin 3:3-5**

"Kif b'rivelazzjoni għarrafni l-misteru; bħal ma ktibt qabel fi ftit kliem, li bihom, meta taqraw, tistgħu tifhmu x'naf jien mill-misteru ta' Kristu, li fi żminijiet imgħoddija ma kienx imgħarraf lil ulied il-bniedem, bħalma hu rrivelat issa **bl-Ispirtu** lill-appostli qaddisa tiegħu u lill-profeti."

141. **Mistoqsija**:

Temmen int li kien l-**Ispirtu s-Santu** li ggwida lill-appostli u lill-profeti meta huma tkellmu u kitbu?

**Tweġiba**: IVA LE – (ara mistoqsijiet 96-98).

**Efesin 6:17**

"Ilbsu l-elmu tas-salvazzjoni u aqbdu x-xabla **ta' l-Ispirtu** li hi l-Kelma ta' Alla."

142. **Mistoqsija**:

Temmen int li **l-Ispirtu s-Santu** jikkonvinċi lill-midneb permezz tax-xabla Tiegħu li hi l-Kelma ta' Alla?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>2 Pietru 1:20-21</u>

"Qabel xejn, kunu afu li l-ebda profezija tal-kitba ma tista' titfisser skond kif jaħsibha dak li jkun. Għax il-profezija ma ġiet qatt fl-imgħoddi bir-rieda tal-bniedem; imma nies qaddisa, **mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu**, tkellmu."

**143. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int li **l-Ispirtu s-Santu** huwa **l-Awtur** ta' Iskrittura Mqaddsa?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>2 Timotju 3:16</u>

"L-Iskrtittura kollha hi mogħtija b'ispirazzjoni **minn Alla**, u tiswa..."

**144. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int li **Alla** hu **l-Awtur** ta' l-Iskrittura?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

**145. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int li billi l-Iskrittura Mqaddsa hija ispirata mill-**Ispirtu s-Santu** u minn **Alla** dan juri li l-**Ispirtu s-Santu** Hu tassew **Alla** għaliex hemm biss **Awtur wieħed** ta' l-Iskrittura Mqaddsa?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>Ħaggaj 2:5</u>

"Skond il-ftehim li jien ftehimt magħkom meta ħriġtu mill-Eġittu, hekk **l-Ispirtu** tiegħi jgħammar fostkom: la tib-żgħux!"

**146. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int li l-Ispirtu s-Santu hawn huwa muri li Hu egwali ma' Alla?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

## <u>Rumani 8:14</u>

"Għax dawk kollha li huma **mmexxijin bl-Ispirtu t'Alla**, humw wlied Alla."

**147. <u>Mistoqsija</u>**:
Temmen int, li l-Ispirtu s-Santu **jmexxi**?
**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

**148. <u>Mistoqsija</u>**:
Temmen int li persuna tista' **tmexxi** 'l persuna oħra?
**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

**149. <u>Mistoqsija</u>**:
Temmen int, li l-Bibbja tgħid bi kliem l-aktar ċar, li aħna, bħala wlied Alla, **jmexxina l-Ispirtu s-Santu**?
**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

**150. <u>Mistoqsija</u>**:
Temmen int, li aħna, bħala wlied Alla, **tmexxina** sempliċiment "qawwa"?
**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

**151. <u>Mistoqsija</u>**:
Lest int, li tħalli lil l-**Ispirtu s-Santu**, bħala **Persuna**, jmexxik Hu u mhux lill-bnedmin?
**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

**Tinsiex li: "Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin.**" (Atti 5:29).

**Tinsiex ukoll it-twissija:**
"Tħallu 'l ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ: għax minħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab t'Alla fuq ulied id-diżubbidjenza." (Efesin 5:6)

152. **<u>Mistoqsija</u>:** Lest int li **"tobdi aktar lil Alla milli 'll-bnedmin?**

**<u>Tweġiba:</u>** IVA    LE

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:
Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10
e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew: www.churchofchristmalta.com